MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Numru 317/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**
**V**

**FRANKIE PACE**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **FRANKIE PACE** ta’ wiehed w ghoxrin sena bin Lawrence u Mary nee Psaila imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' Lulju, 1979 u joghod 75, Triq is-Sur, Senglea, detentur tal-karta tal-identita numru 319679M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli matul il-perjodu ta' bejn t-tletin ta' Jannar 2001 u t-tnejn ta' Frar 2001, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti mghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. nhar t-tletin ta' Jannar 2001 ikkommetta serq ta' oggett u cioe kartiera b'xi dokumenti u flus fosthom karta tal-identita u licenzja tas-sewqan, liema

serq sar ghad-detriment ta' persuna li l-identita taghha mhux maghrufa, kif wkoll ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

2. talli fit-tnejn ta' Frar 2001, waqt li kien San Giljan, f'xi hin bejn t-tmienja ta' bil-lejl u l-hdax u nofs ta' bil-lejl, ikkommetta serq ta' oggett u cioe stereo tal-karozzi minn vettura ipparkjata, liema serq li sar ghad-detriment ta' James Grech minn Tas Sliema huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, bin-natura tal-haga misruqa kif wkoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin;

3. talli f'dawn il-Gzejjer matul il-perjodu ta' bejn t-tletin ta' Jannar 2001 u t-tnejn ta' Frar 2001 xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom, liema oggett gej minn serq kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin;

4. talli nhar t-tnejn ta' Frar 2001 ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl waqt li kien San Giljan voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin lira maltin izda mhux il-hames mitt lira maltin li saret ghad-detriment ta' James Grech minn Tas Sliema.

5. Talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Semghet lil imputat nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Gunju 2001 meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jirregistra ammissjoni ghall-ewwel, t-tieni w r-raba akkuza kif dedotti kontra tieghu u ghalhekk u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv lil ssibu hati ta' dawn l-akkuzi.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom z-zewg stqarrijiet tal-imputat rilaxxjati nhar s-sebgha ta' Frar 2001 esibit bhala dokument CB a fol 24 et seq u l-ohra rilaxxjata nhar t-tmintax ta' April 2001 markata bhala dokument CB 1 a fol 27 tal-atti odjerni.

Rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' April 2003 kif jirrizulta a fol 109 tal-atti.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2003 a fol 118 tal-atti.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti rat li t-tielet akkuza u cioe dik ta' ricettazzjoni nghatat b'mod alternattiv ghall-ewwel w it-tieni akkuza u ghalhekk il-Prosekuzzjoni messha rregolat ruhha malli giet rinfaccata bl-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Gunju 2001 u mhux halliet dawn l-proceduri jitwalu ghal perjodu daqstant twil u cioe kwazi tlett snin.

Illi dan d-dewmien ma biddel xejn dwar il-posizzjoni tal-imputat viz a viz l-ammissjoni tieghu ghall-ewwel, t-tieni w r-raba akkuza izda kkrejat telf ta' zmien utili lil din il-Qorti.

Huwa veru li kien l-Avukat Generali li kien qed jibghat r-rinviji nonostante l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel, t-tieni w r-raba akkuza fil-jum tal-presentata. Pero r-rinviji li saru wara d-data tal-presentata saru kollha ghal xejn, ghaliex il-posizzjoni tal-imputat baqghet l-istess.

Illi l-akkuza li l-imputat m'ammettiex giet moghtija mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva.

Il-Qorti ghandha bilfors tirrileva li l-Pulizija taghmel zball kbir meta takkuza lil xi hadd b'reat jew delitt meta *ab initio* ikun ferm evidenti u car ghaliha li m'ghandha provi xejn xi tressaq fil-Qorti kontra dik il-persuna biex tissustanza dik l-akkuza. Dan l-agir jikkostitwixxi ksur ta' principju baziku li jhares d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li, fis-sistema penali taghna, huwa dejjem prezunt innocenti u ghalkemm f'cirkostanzi bhal dawn, fejn in-nuqqas ta' provi huma lampanti, huwa ferm ingust u anti-kostituzzjonali li bniedem jigi sottomess ghal process kriminali bit-tama li l-Qorti ssib xi htija kontra tighu fejn il-Prosekuzzjoni, mill-bidu nett, anke waqt l-istadju tal-istharrig, kien ferm evidenti ghaliha li ma kien hemm ebda prova li torbot lil imputat mar-reat ta' ricettazzjoni li gie akkuzat biha. Meta fil-Qorti jittiehdu passi kriminali f'cirkostanzi bhal dawn, ikun qed isir xkiel serju w inkwetanti lir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi jirrizulta bic-car li mill-bidu nett tal-investigazzjoni, u cioe minn meta l-istess Prosekuzzjoni hadet l-istqarrija tal-imputat, hija kienet rinfaccjata bi provi bizzejjed, almenu sal-grad rikjest bil-ligi, dwar l-akkuza ta' serq. Fil-fatt kien l-imputat stess li ammetta wahda mis-serqiet li l-Pulizija kienet qed tinvestigah dwarha u cioe dik tat-tnejn ta' Frar 2001 dwar serq ta' stereo, u minn rajh ammetta kaz iehor ta' serq u cioe serq ta' katina b'xi djamanti nhar t-tletin ta' Jannar 2001 minn fuq karozza tal-linja, u ghalhekk l-imputat messu gie akkuzat principalment bir-reat ta' serq u dik ta' hsara voluntarja.

Illi dwar il-hames akkuza u cioe dik ta' recidiva, il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha il-process w innotat li l-Prosekuzzjoni ma esibit ebda sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat u wisq inqas ressqet xi xhud tal-identita. Il-Qorti fliet wkoll l-verbali taghha sabiex tara jekk f'xi hin d-Difiza ezentat lil Prosekuzzjoni minn tali prova, pero dan ma rrizultax li sar u ghalhekk il-Qorti, fin-nuqqas ta' tali prova, tiddikjara li ma ssibx lil imputat hati ta' din l-akkuza.

Dwar il-piena:

Il-Qorti tapprezza li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u cioe mal-presentata mal-ewwel opportunita moghtija lilu pero ma tistax ma tikkummentax fuq il-fedina penali tieghu li ma hi xejn inqas minn ktieb ta' konvinzjonijiet. Minn ezami ta' dan d-dokument jirrizulta li l-imputat li ghandu biss hamsa w ghoxrin sena, ghaliex twieled fl-erbgha ta' Lulju 1979, ghandu disgha convictions li jikkoncernaw fost akkuzi ohra numru kbir ta'serq, hsara voluntarja, pussess ta' droga u sekwestru ta' persuna. Illi huwa nghata kemm pieni alternativi ghal dawk ta' prigunerija u cioe multi, probations, kemm unconditional kif wkoll taht is-supervizzjoni ta' Ufficjal ta' Probation, kif wkoll prigunerija pero dan nonostante l-imputat ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu u reggha qieghed l-Qorti.

Illi in oltre, l-imputat fl-ebda hin ma wera rimors ghal dak li ghamel u cioe pprova jikkumpensa lil vittma tad-danni kagunati minnu minhabba l-agir tieghu u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss li m'ghandhix tkun klementi mal-imputat fl-ghoti tal-piena.

Il-Qorti thoss li l-imputat ma tghallimx mic-cansijiet moghtija lilu w ghalhekk hija tal-fehma li l-piena idoneja f'dan il-kaz hija wahda karcerarja.

**Ghalhekk, wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279(a), 280, 281, 325(a), 289, 49, 50, 17(h), 20, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi billi tiddikjara li ssib lil imputat FRANKIE PACE <u>hati</u> tal-ewwel, t-tieni w r-raba akkuza u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn mill-lum u <u>mhux hati</u> tal-hames akkuza minn liema akkuza qed tilliberah u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza stante li din giet moghtija b'mod alternattiv ghal ewwel w t-tieni akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------